**19 ta' Frar, 1962**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Joseph Bonnici

*versus*

Leonardo Sacco et. ne.

**Danni — Ħtija Kontributorja — Art. 1094 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Jekk tnejn minn nies jikkaġunaw danni lil xulxin bi ħtija tat-tnejn, ikun hemm ħtija kontrobutorja li tirrendihom it-tnejn responsabbli għall-ħsara.*

*Xejn ma jiswa lil wieħed minnhom il-fatt li dak li għamel għamlu bil-permess tal-Pulizija; għaliex il-Pulizija tagħti dak il-permess għax ikun rikjest skond il-liġi, imma mingħajr ma tirrendi ruħha responsabbli tal-għemil minnha awtorizzat, u mingħajr ma tiggarantieh. Kif lanqas jiswa l-fatt illi fl-imgħoddi dejjem sar l-istess u ma ġara qatt xejn; għax dan ma jfisserx illi għandu jibqa' dejjem ma jiġri xejn.*

*L-apporzjonament tal-ħtija u tal-konsegwenti responsabbiltà jiddependi mid-diskrezzjoni tal-Qorti; u l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk ma jkunx jidher ċar li hemm raġunijiet ta' ċerta gravità.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni, premess li fid-9 ta' Novembru 1952 is-St. Leonard Band Club, kif fuq rappreżentat, eriġa pedestall tal-injam f'Kirkop Square, Kirkop; u premess li dan il-pedestall ma ġiex armat skond is-sengħa u skond il-liġi, tant li kellu bħala rfid ġebla sporġenti minn taħtu b'mod li tikkostitwixxi speċi ta' nsidja għal min jaħbat magħha; u premess li, fil-waqt li l-attur

kien qiegħed isuq il-karrozza tiegħu numru 6357 minn Kirkop Square, ir-rota lemenija ta' quddiem tal-istess karrozza qabdet mal-ġebla sporġenti fuq imsemmija b'mod li mbagħad, stante ċ-ċaqlieq tal-istess ġebla, u stante illi l-pedestall ma kienx armat tajjeb, il-pedestall baqa' nieżel fuq iċ-ċelu tal-karrozza tal-attur, li sofriet ħsara kbira; talab li l-konvenuti nomine (1) jiġu dikjarati responsabbli għall-ħsara kaġunata fiċ-ċelu tal-karrozza tal-attur numru 6357 u għal kull ħsara oħra konsegwenzjali, minħabba li huma u/jew dipendenti tagħhom armaw kontra s-sengħa u kontra l-liġi l-pedestall fuq imsemmi kif fuq ingħad u għal kull raġuni oħra valida fil-liġi; (2) u jiġu kundannati jħallsu d-danni hekk minnhom kaġunati lill-attur, konsistenti dawn id-danni fil-ħsara kaġunata fiċ-ċelu tal-karrozza tal-attur fuq imsemmija u fil-konsegwenzjali telf ta' profitt tal-kiri tal-istess karrozza u f'kull ħaġa oħra, f'dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti, permezz, jekk hemm bżonn, ta' perit li jiġi nominat mill-istess Qorti. Bl-ispejjeż;

*Omissis:*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Marzu 1961, li biha laqgħet it-talba tal-attur, fis-sens li ddikjarat li l-konvenuti nomine, mħabba fin-negliġenza u mprudenza tagħhom fl-armar tal-pedestall fuq imsemmi, ikkaġunaw ħsara lill-attur, u illi għal din il-ħsara kkontribwixxa l-attur stess, dan fil-proporzjon ta' erbgħa partijiet minn żbatax (4/17) u l-konvenuti fil-proporzjon ta' tliettax il-parti minn żbatax (13/17); illikwidat il-ħsara sofferta mill-attur, fil-porporzjoni ġa ndikata għas-somma ta' £10. 6. 5d; u kkundannat lill-konvenuti iħallsu lill-attur ammont ekwivalenti, flimkien ma' tliettax il-parti minn żbatax (13/17) tal-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Fid-9 ta' Novembru 1952 il-konvenuti nomine eriġew pedestall tal-injam f'Kirkop Square. Dak inhar l-attur, waqt li kien isuq il-karrozza 6357 laqat l-armar tal-pedestall, u dan waqa' fuq il-karrozza tal-attur li sofriet ħsara;

F'din il-kawża l-partijiet għamlu riferenza għall-kawża

l-oħra fl-ismijiet inversi (ċitaz. nru. 619/1953), li ġiet deċiża l-lum minn din il-Qorti;

Irriżulta illi l-konvenut, li kien isuq bil-mod, investa ġebla li kienet tibbilanċja l-pedestall mal-art, kif ukoll il-bażi tal-pedestall, waqt li kien jimmanuvra biex jgħaddi bejn il-pedestall u ieħor quddiemu minn spazju dejjaq biex imur ġo High Street. B'aktar attenzjoni huwa kien jevita li jaħbat, kif ma ħabtux vejikoli oħrajn li għaddew mill-istess post;

Irriżulta wkoll illi l-pedestall ma kienx marbut skond is-sengħa biex ma jaqgħax faċilment kif waqa'. Għar-raġunijiet esposti fis-sentenza tal-kawża riferita fl-ismijiet inversi, tant il-konvenuti kemm l-attur stess ikkonkorrew kolpożament għall-ħsara sofferta mill-attur, iżda l-konvenuti fi proporzjoni prinċipali ta' tliettax il-parti minn żbatax (13/17), u hekk l-attur fil-porporzjoni ta' erbgħa partijiet minn żbatax (4/17);

Irriżulta li l-ħsara sofferta mill-attur fil-karrozza tiegħu hija ta' £9. 10. 0d, u li hu tilef £1 kull jum għal erbgħa tijiem li l-karrozza damet tissewwa;

Rat in-nota li biha l-konvenuti appellaw minn dik is-sentenza . . . . . ;

Rat ir-risposta tal-attur, li biha appella nċidentalment minn dik is-sentenza . . . . . ;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Għar-raġunijiet żvolti fis-sentenza mogħtija l-lum stess fil-kawża l-oħra msemmija, la l-appell prinċipali tal-konvenuti u lanqas l-appell inċidentali tal-attur, ma jistgħu jiġu milqugħa;

Għalhekk tiddeċidi billi:

Tiċħad l-appell prinċipali tal-konvenuti, l-ispejjeż kontra tagħhom;

Tiċħad l-appell inċidentali tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

U konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu u fl-ispejjeż.